**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 644/23 AL

A B C

vs

D B C

(M.R. Numru 2023/2009)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil- ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-esponenti żżewweġ lill-intimata nhar is-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li kopja tiegħu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet huma separati de jure permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali vigenti bejniethom datat il-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) fl-atti tan- Nutar Dottor Elizabeth Sciriha, kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B:

4. Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti ilhom aktar minn sena separati de jure, u kwindi ilhom jgħixu mhux flimkien ghal perjodu li jiżboq it-terminu ta' żmien rikjest mill-Artikolu 66B (a) tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-partijiet kienu ddekadew reciprokament mid-dritt ghal manteniment minghand xulxin;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi in sostenn ta' dan l-esponent qiegħed jippreżenta affidavit tieghu li qiegħed jigi anness u mmarkat bhala Dok. C;

8. Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi m'hemm l-ebda impediment ghall-hall taż-żwieg;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieg bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ- ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta’ Jannar 2024;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, msejjha tlett darbiet ma dehritx u ma prezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Mejju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.